MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 254/2007

**Valhmor Borg Import Export Limited (C-3062)**

**vs**

**Hotel Resort Operators Limited bhala d-debitur principali u Claudia u Rosario konjugi Tabone bhala garanti flimkien u `in solidum' mad-debitur principali**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM2690.85,0) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilhom mibjugha u konsenjati, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekoribbli mill-1 ta' Frar tas-sena 2007 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk, tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, tat-taxxa fuq il-valur

mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bl-intimati kollha ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ rikorrenti sabiex l-intimati jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta’ Mejju tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u tikkundanna lill-intimati kollha jhallsu s-somma komplessiva ta’ elfejn, sitt mija u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (LM2690.85,0) ekwivalenti ghall-sitt elef mitejn u sebgha u sittin Ewro u disgha u disghin centezmu (€6,267.99) lis-socjeta’ Valhmor Borg Import Export Limited;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimati Hotel Resort Operators Limited u Claudia u Rosario konjugi Tabone.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------